MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Numru. 39/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**MARK MAGRO**
**JONATHAN JUDE GRECH**
**MARK ALVIN WILLIAM XUEREB**

**Seduta ta' llum, 8 ta' Novembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK MAGRO** ta' tmintax il-sena bin John u Alfreda anee Mamo, imwieled Victoria nhar l-ewwel ta' Frar 1986 u residenti Flat 1, Our Nest, Triq Girgor Buttigieg, Nadur, detentur tal-karta tal-identita

numru 8886G, **JONATHAN JUDE GRECH** ta’ tmintax il-sena bin Taddeo u Maria nee Spiteri imwieled l-Awstralja nhar l-hamsa ta’ April 1986 u residenti Il-Gingir, Triq Guseppe Cauchi, Ghajnsielem, detentur tal-karta tal-identita numru 33496M u **MARK ALVIN WILLIAM XUEREB** ta’ tmintax il-sena bin Francis u Virginia Josephine nee Cauchi , imwieled l-Kanada nhar t-tmienja ta’ Marzu 1986 u residenti Old Trafford, Tri qil-Gnien, Ghajnsielem, deetentur tal-karta tal-identita numru 426900L gew mressqa quddiemha akkuzati matul l-lejl ta’ bejn l-wiehed u ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta’ Settembru 2002 f’Ghajnsielem, Ghawdex, bil-hsieb li jikkommettu reat ta’ serq  ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TFD 922 tal-ghamla Ford Escort vann ta’ kuluar ahmar, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni ta’ dan r-reat, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku gie esekwit kien ikun aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghadf-dannau ta’ Joseph Grech minn Ghajnsielem.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta’ April 2005 [fol 41] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti kif verbalizzat minnu nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2005 a fol 20 et seq tal-atti processwali.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b’mod voluntarju kif wkoll l-provi prodotta mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza nhar t-tmienja ta’ Novembru 2005.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi **nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Janar 2005 xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 25] u spjega li nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Settembru 2002 ghal habta ta’ nofs il-lejl xi

hadd anonimu cempel l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex w informa lil Pulizija li fil-parking ma gemb l-Kazin tal-banda t’Ghajnsielem kien hemm xi zaghzagh qed jippruvaw jisrqu vettura, il-Pulizija marret fuq il-post rrizultalha li fil-fatt kien hemm vettura Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni TFD 922 b’xi zaghzagh fiha li kienu ppruvaw jitilqu biha.  Meta gie sidha fuq il-post rrizulta li ma kien insteraq xejn minnha pero kienet garrbet xi hsara.  Sidha qal li cavetta fiha ma kienx hemm u li x’aktarx li din kienet qed tigi startjata b’cavetta falza.  Irrizulta minn aktar stharrig li z-zaghzagh kienu l-imputati odjerni u li maghhom kien hemm aktar kmieni zewg persuni ohra li kienu telqu minn fuq il-post.  Qal li t-tlett zaghzagh meta gew mitkellma minnu rrilaxxjaw stqarrija li esibixxa fl-atti bhala dokumenti A, B u C.  qal li dawn kienu qalu li kienu ppruvaw jisirquha ghaliex riedu jmorru dawra biha biss pero m’irnexxilhomx jistartjawha.

Illi **nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Janar 2005 xehed PS 567 Jude Taddeo Bajjada** [fol 27] u spjega li fit-tnejn w ghoxrin ta’ Settembru 2002 xi l-kwarta ta’ filghodu kienu rcevew telefonata li kien hemm xi zaghzagh qed jippruvaw jisirqu vann li kien ipparkjat fil-parking area fil-Pjazza tal-knisja ta’ Ghajnsielem u meta marru fuq il-post sabu vann tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni TFD 922 li kellu l-bieba miftuha u mal-art kien hemm hub cup fejn r-rota.  Iccekkjaw ta’ min kienet u skoprew li kienet tappartjeni lil certu Joseph Grech u meta marru jkellmuh dan qalilhom li mill-vettura ma kien hemm xejn nieqes. Qal li fl-investigazzjoni tal-imputati hu ma kienx involut. Ix-xhud ippresenta l-okkorrenza relattiva li giet mmarkat bhala dokument D [fol 28].

Illi nhar s-sbatax ta’ Marzu 2005, din il-Qorti nnominat lil espert tekniku Joseph Zammit sabiex jaghti valur tal-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni TFD 922, peress li l-partijiet ma qablux dwar l-valur taghha [fol 38].

Illi **nhar il-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005 xehed Joseph Zammit** [fol 50] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokuement JZ [fol 51 et seq].  Minn

ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-vettura in kwistjoni ghandha valur fis-suq ta' tlett mitt lira maltin [fol 54].

Illi **nhar it-tlettax ta' Settembru 2005 xehed l-imputat Jonathan Jude Grech minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 59] u spjega li fil-lejl ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2002, meta kellu sittax il-sena, kien qed jilghab l-loghba 'harba' fil-playing field ta' Ghajnsielem flimkien ma Mark Magro u Mark William Xuereb u tfal ohra u meta raw il-vann ta' zijuh staqsih biex jistahbew fih. Ghalhekk dahlu fiha bl'intenzjoni ta' xejn, salv li jistahbew fih. Fid-daqqa w l-hin qal li gew il-Pulizija, meta kienu mexjin max-xatt, mhux meta kienu fil-vettura, u ma kellmuhomx. Kellmuhom il-Hamis ta' wara. Qal li ma zijuh hu tkellem u qallu biex ma jinkwieta xejn ghaliex kien se jmur ikellem lin-nies hu. F'dan l-istadju l-Qorti qrat l-istqarrija li hu kien irrilaxxja nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2002 [fol 12] peress li l-kontenut taghha ma jaqbilx ma dak li huwa xehed viva voce l-Qorti, u x-xhud qal li l-kontenut taghha ma hux veru ghaliex cavetta ma kellhomx huma u ma ftakarx jekk effettivament lil Pulizija qalilhomx li kien qed jistahba fil-karozza. Qal li dakinhar kellu sittax il-sena u kien imwerwer u ried jitlaq 'l isfel.

Illi **nhar it-tlettax ta' Settembru 2005 xehed l-imputat Mark Alvin William Xuereb** [fol 60] u spjega li fil-lejl ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2002, meta kellu sittax il-sena, kien qed jilghab l-loghba 'harba' fil-playing field ta' Ghajnsielem flimkien ma Jonathan Grech, Mark Magro u tfal ohra meta f'daqqa wahda ma kienx hemm fejn jistahbew u kien hemm il-vann taz-ziju ta' Jonathan Grech w iddecidew li jistahbew fih u hekk ghamlu.

Qal li l-karozza kienet miftuha u dahlu fiha. Ma kienx hemm cavetta fiha lanqas. Qal li wara marru bil-mixi u nizlu x-xatt u qaghdu hemmhekk u wara marru d-dar. Wara zi zmien kien baghat ghalihom l-Ispettur u akkuzhom li riedu jisirqu l-karoza u hu qallu "mela Jonathan ser jisraq il-karozza taz-ziju stess?" Mistoqsi jekk jiftakarx x'qal fl-istatement ix-xhud qal li ma jiftakarx.

Ftakar li kien hemm iehor maghhom certu Matthew Cini u ghamel bhalhom u fil-fatt anke dahal fil-karozza u li kien hemm certu Kenneth li ghajtulu wkoll. Qal li dakinhar kienu mwerwra w ikkonferma li kien qalilhom lil Pulziija li kienu sejrin dawra bil-vann fil-parking area.

Illi **nhar it-tlettax ta' Settembru 2005 xehed l-imputat Mark Magro** [fol 62] u spjega li fil-lejl ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2002, meta kien ghad kellu sittax il-sena, kien qed jilghab l-loghba 'harba' fil-playing field ta' Ghajnsielem flimkien ma Jonathan Grech, Mark Xuereb u tfal ohra meta f'daqqa wahda sabu vann li kien taz-ziju ta' Jonathan u jistahbew fih. Qal li kif kienu fil-vann taz-ziju ta' Jonathan Grech marru l-Pulizija fuqhom u ma qalulhom xejn. Qal li l-vann in kwistjoni kien miftuh pero cavetta fih ma kienx hemm u li fl-ebda hin ma mexxewh minn postu. Meta gie moqri l-istatement li hu rrilaxxja nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2002, ix-xhud qal li dakinhar veru qal dak li hemm miktub pero qalu ghaliex kien imwerwer mill-Pulizija u fiil-fatt ftakar li dakinhar kien irrisponda kollox iva.

Illi **nhar it-tlettax ta' Settembru 2005 xehed Kenneth Mercieca** [fol 63] w ikkonferma li fil-lejl ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2002, hu kien presenti u ftakar li f'xi hin kien hemm vann fil-parking fejn il-kazin tal-banda u li kien hemm tlett zaghzagh mieghu u kienu qed jilghabu l-loghba 'harba' u dahlu jistahbew f'dan il-vann li kien taz-ziju ta' Jonathan Grech. Qal li l-vann ma kienx gie sgasat kien miftuh. Qal li huma hargu minnu u marru jimxu x-xatt. Qal li hadd minnhom ma kien ipprova jsuqu.

Illi **nhar it-tlettax ta' Settembru 2005 xehed l-Ispettur Maurice Curmi in kontr' ezami** [fol 64] u spjega li huwa minnu li l-karozza li fiha dahlu t-tlett imputati kienet taz-ziju ta' Jonathan Grech u fil-fatt z-ziju kien hafrilhom w ghalhekk hu ma ressaqhomx fuq hsara voluntarja peress li l-ammont ma kienx jeccedi l-hamsin lira maltin. Qal li Joseph Grech effettivament qatt ma rrapporta li xi hadd kien ipprova jisraqlu l-vann tieghu. Kienu n-nies li rawhom

fil-karozza u mhux hu li kienu cempillu. Huwa kkonkluda l-investigazzjoni tieghu fuq telefonata anonima.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fuq l-kredibilita tax-xhieda u cioe partikolarment jekk dak li qalu t-tlett imputati a tempo vergine tal-investigazzjoni, kienx minnu jew jekk dak li qalu t-tlett imputati aktar tard l-Qorti, tlett snin wara, kienx aktar vero simili fic-cirkostanzi.

Il-Pulilzija w appuntu PS 567 Jude Taddeo Bajada, jikkonferma li hu kien mar fuq il-post li gie ndikat lilu fit-telefonata anonima fejn kienet qed issir l-allegata serqa ta' vettura u cioe fil-Pjazza tal-Knisja ta' Ghajnsielem fejn sab vettura Ford Escort ahmar bin-numru ta' registrazzjoni TFD 922 b'hup cup fejn r-rota. Fl-ebda hin ma jghid li go fiha kien hemm xi zaghzagh.

L-Ispettur Maurice Curmi jikkonferma li l-imputati gew indikata lilu flimkien ma tnejn ohra mill-investigazzjoni li zamm.

L-imputat Jonathan Jude Grech fl-istqarrija tieghu jispjega bid-dettal dak li sar dakinhar u cioe li huwa dahal fil-vettura Ford Escort hamra bin-numru ta' registrazzjoni TFD 922 flimkien ma zaghzagh ohra u qaghad fuq l-isteering. Jikkonferma li wiehed minnhom issuggerixxa li jisirquha, iehor qala xi wires w ipprova jixxortjha pero ma qabditx. Qal li huwa stess ipprova jistartja l-vettura bl-ispark imma ma qabditx. Ipprovaw wkoll isuqha b'cavetta li sabu fid-dashboard izda kollu ghal xejn. Ippruvaw wkoll iqabduha fuq gear imma kien ghal xejn. Spjega li Mark u Matthew qalghu l-hub cup u tefghuha fuq il-karozza. Huma telqu 'l hemm meta raw lil Puliizja. L-imputat Jonathan Jude Grech jghid wkoll li permess ta' sid il-vettura biex isuqha ma kellux.

L-imputat **Mark Alvin William Xuereb** fl-istqarrija tieghu dokument B a fol 14 tal-atti, rilaxxjata ftit jiem wara l-allegata incident, jikkonferma li dakinahr ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2002, huwa

kien qed jilghab l-loghba ‘harba’ mal-hbieb u meta spiccaw jilghabu, ddecida flimkien mal-ohrajn, li jqabbad Ford Escort li kien hemm fil-pjazza u jmorru dawra biha ma shabu.

Ikkonferma li l-idea kienet ta’ certu Matthew pero huma l-ko-akkuzati kollha qablu maghha u dahlu fiha. Jispjega li ppruvaw jistartjawaha billi jixxortjawha izda ma rnexxilhomx u li abbandunaw l-idea taghhom meta l-habib tieghu Matthew qalilhom li kienu gejjin il-Pulizija. Jghid li fil-fatt ilkoll mewwex l-vettura xi ftit billi mbuttawha.

L-imputat Mark Magro jghid li fil-fatt dahlu fil-vettura ghaliex siehbu gietu l-idea li jistartja Ford Escort li kien hemm fil-pjazza biex imorru dawra biha fil-parking. Qal li ipprova jqabbadha fuq il-gear pero m’irnexxilhux w imbaghad imbuttaha izda din ma qabditx. Jispjega li qalghu l-cover tal-ignition, gibdu l-wires u messewhom ma xulxin beix jippruvaw jistartjawha imma baqghet ma qabditx. Imbaghad ippruvaw jimbuttawha lura f’postha izda m’irnexxilhomx ghaliex l-isteering kien imsakkar. F’hin minnhom xi hadd beda jghajjat li kienu gejjin il-Pulizija w ghalhekk abbandunaw l-idea taghhom.

Ma hemmx dubbju li dak kollu li qalu l-imputati a tempo vergine tal-investigazzjoni jammonta fil-konfront ta’ kulhadd ghal reat t’attentat ta’ serq aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u cioe li m’irnexxilhomx jistartjaw il-vettura u li waqfu mill-esekuzzjoni taghha ghaliex kienu gejjin il-Pulizija.

L-imputati jghidu, meta xehdu viva voce l-Qorti, li kienu mwerwrin mill-Pulizija u kellhom mitt sena sakemm jitilqu ‘l hemm. Ma hemmx dubbju li probabbilment l-imputati li kellhom biss sittax il-sena meta kkommettew dan r-reat, bezghu mill-Pulizija pero dan ma jfissirx li dak li kienu qalu fl-istqarrija taghhom ma kienx veru. Meta effettivament anke sa certu punt fl-istqarrija taghhom, huma jikkoloboraw dak li qal PC 567 Jude Taddeo Bajada, per ezempju meta l-imputat Jonathan Jude Grech jghid li

qalghu l-hub cup l-istess PC 567 Jude Taddeo Bajada jghid li sab hub cup maqlugh fl-art.

Il-Qorti hija konvinta li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

**Dwar il-piena**:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-process, b'mod partikolari l-fedina penali tal-imputati esibiti a fol 6 et seq tal-atti w innutat li t-tlieta li huma ghandhom fedini penali netti, minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqhom w ghalhekk ghandhom jigu kkunsidrati bhala *first time offenders*.

Rat wkoll li l-allegat vittma m'insistiex li jittiehdu passi fil-konfront tal-malviventi tant li effettivament lanqas biss xehed f'dawn il-proceduri w ghalhekk ghandu jitqies li s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

Rat li fil-mument tal-kommissjoni tar-reat t-tlett imputati kienu kollha minuri u dak li ghamlu, ghamluh bhala sens t'avventura u frott il-blugha taghhom.

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li ghandha tpoggi lit-tlett imputati taht ordni ta' probation.

**Ghalhekk il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 261, 263, 267, 270, 271 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lill-imputati MARK MAGRO, JONATHAN JUDE GRECH u MARK ALVIN WILLIAM XUEREB hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tiddecidi** li tpoggi lit-tlett akkuzati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzommu boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Li l-imputati probationers Mark Magro, Jonathan Jude Grech u Mark Alvin William Xuereb ghandhom, matul dan il-perjodu ta' probation**

**ta' sentejn, igibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputati probationers Mark Magro, Jonathan Jude Grech u Mark Alvin William Xuereb ghandhom jibqghu izommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment huma ghandhom, jekk l-istess Probation Officer ikun jrid hekk, jircievu zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedu;**

**3. Illi l-imputati probationers Mark Magro, Jonathan Jude Grech u Mark Alvin William Xuereb ghandhom jghixu fir-residenza taghhom tul l-perjodu kollu ta' sentejn u jkunu jistghu jbiddlu tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputati probationers Mark Magro, Jonathan Jude Grech u Mark Alvin William Xuereb ghandhom jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati probationers u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati probationers iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttrur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan sabiex ikompli jsegwi lil imputati probationers u jzommhom boghod mill-hajja kriminali.**

**Tordna wkoll li isem u l-partikolaritajiet tat-tlett imputati ma jigux imxandra fuq kull mezz tax-xandir**

**stante li fil-mument tal-kommissjoni tar-reati, huma kienu ghadhom minuri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------